# IL-POLITIKA TAS-SERVIZZI FINANZJARJI

Is-servizzi finanzjarji huma element essenzjali tal-isforzi tal-UE biex jiġi kkompletat is-suq intern, bħala parti mill-moviment liberu tas-servizzi u l-kapital. Il-fażijiet tal-progress lejn l-integrazzjoni jistgħu jinqasmu kif ġej: (1) it-tneħħija tal-ostakli għad-dħul nazzjonali (1957-1973), (2) l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u l-politiki nazzjonali (1973-1983), (3) l-ikkompletar tas-suq intern (1983-1992), (4) il-ħolqien taż-żona tal-munita unika u l-perjodu ta' qabel il-kriżi (1999-2007), u (5) ir-riforma ta' wara l-kriżi (mill-2007). Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jippreżenta sett ġdid ta' sfidi b'implikazzjonijiet potenzjali fuq is-settur tas-servizzi finanzjarji fi ħdan l-UE u lil hinn.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Il-bażi ġuridika għad-direttivi u r-regolamenti dwar is-servizzi finanzjarji, fil-biċċa l-kbira, hija bbażata fuq l-Artikolu 49 (il-libertà tal-istabbiliment), l-Artikolu 56 (il-libertà li jiġu pprovduti servizzi), l-Artikolu 63 (il-moviment liberu tal-kapital), u l-Artikolu 114 (l-approssimazzjoni tal-liġijiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU);

## STADJI IMPORTANTI TAT-TRIQ LEJN SUQ FINANZJARJU INTEGRAT TAL-UE

### A. Sforzi bikrija għat-tneħħija tal-ostakli għad-dħul

Sforzi bikrija għall-integrazzjoni tas-sistemi finanzjarji tal-Istati Membri kienu bbażati fuq il-prinċipji tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, b'koordinazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki fejn meħtieġ.

It-Trattat ta' Ruma, iffirmat fl-1957, ħoloq is-suq komuni u abolixxa l-ostakli għal-libertà tal-moviment tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital bejn l-Istati Membri. L-Artikolu 61(2) kien jipprevedi li "l-liberalizzazzjoni tas-servizzi bankarji u tal-assigurazzjoni marbuta mal-movimenti tal-kapital għandha sseħħ f'armonija mal-liberalizzazzjoni tal-moviment tal-kapital". L-Artikolu 63 ta mandat lill-Kunsill biex ifassal programm għall-abolizzjoni tar-restrizzjonijiet eżistenti li jipprevjenu tali liberalizzazzjoni.

Il-Kunsill għamel dan fl-1962, meta adotta programmi ġenerali għall-abolizzjoni tar-restrizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà tal-istabbiliment. Bil-ħsieb li jiġu implimentati dawn il-programmi, il-Kunsill adotta numru ta' direttivi fil-qasam tal-assigurazzjoni u f'dak bankarju bejn l-1964 u l-1973.

**B.** L-armonizzazzjoni tal-liġijiet u l-politiki nazzjonali

Il-proċess tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri beda, b'mod partikolari, bid-Direttivi tal-Kunsill tal-1973 (L-Ewwel Direttiva dwar l-Assigurazzjoni Mhux tal-Ħajja (73/239/KEE))[1], tal-1977 (L-Ewwel Direttiva Bankarja (77/780/KEE))[2], u tal-1979 (L-Ewwel Direttiva dwar l-Assigurazzjoni tal-Ħajja (79/267/KEE))[3].

**C.** L-ikkompletar tas-suq intern

F'Ġunju 1985, il-Kummissjoni ppubblikat White Paper[4] li fiha ddeskriviet programm ċar u skeda ta' żmien għall-ikkompletar tas-suq intern sa tmiem l-1992. Hija kellha sezzjoni speċifika dwar is-servizzi finanzjarji (paragrafi 101-107), li tibda hekk: "Il-liberalizzazzjoni tas-servizzi finanzjarji, marbuta ma' dik tal-movimenti tal-kapital, se tirrappreżenta pass maġġuri 'l quddiem lejn l-integrazzjoni finanzjarja Komunitarja u t-twessigħ tas-Suq Intern". L-armonizzazzjoni proposta kienet bbażata fuq il-prinċipji ta' "liċenzja bankarja unika", "rikonoxximent reċiproku" u "kontroll tal-pajjiż ta' oriġini". L-Att Uniku Ewropew tal-1987 introduċa l-mira stabbilita fil-White Paper tal-1985 fid-dritt primarju tal-UE.

**D.** Il-ħolqien taż-żona ta' munita unika

F'Mejju 1999, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji (FSAP)[5], xprunat bl-introduzzjoni tal-euro u l-impetu li din tat biex tiġi indirizzata l-bqija tas-segmentazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE. Il-FSAP kien jinkludi 42 miżura leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva li kienu meqjusa bħala meħtieġa li jitlestew sal-2004.

F'Lulju 2000, il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) stabbilixxa il-Kumitat ta' Esperti dwar ir-Regolament tas-Swieq tat-Titoli Ewropej, immexxi minn Alexandre Lamfalussy. Ir-rapport finali tal-Kumitat[6], ippubblikat fi Frar 2001 ta dijanjożi tal-istat attwali tas-suq finanzjarju tal-UE u pprovda għadd ta' rakkomandazzjonijiet. Il-problema maġġuri ġiet identifikata fil-qafas istituzzjonali tal-UE ta' dak iż-żmien, li kien meqjus bħala "wisq kajman, wisq riġidu, kumpless u mhux adattat sew għar-ritmu tal-bidliet fis-suq finanzjarju globali". Ir-rapport ippropona, dak li aktar tard sar magħruf bħala "Il-proċess Lamfalussy", approċċ leġiżlattiv fuq erba' livelli, li għall-ewwel intuża biss għal-leġiżlazzjoni dwar it-titoli, iżda li mbagħad espanda għal oqsma oħra tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji.

Il-FSAP fil-biċċa l-kbira tiegħu ġie kkompletat sal-iskadenza tal-2004, bi 39 miżura adottata minn total ta' 42, u xi wħud saħansitra marru lil hinn minn dak li kien inizjalment previst fil-Pjan ta' Azzjoni. Fl-2005 segwew żewġ miżuri oħra, b'hekk kien fadal biss l-Erbatax-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji dwar it-trasferiment transfruntier tal-uffiċċju reġistrat ta' kumpanija.

---

[1]ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3.
[2]ĠU L 322, 17.12.1977, p. 30.
[3]ĠU L 63, 13.3.1979, p. 1.
[4]Il-White Paper tal-Kumissjoni lill-Kunsill Ewropew, *L-Ikkompletar tas-Suq Intern*, 14 ta' Ġunju 1985.
[5]Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *L-implimentazzjoni tal-qafas għas-swieq finanzjarji*: *Pjan ta' Azzjoni*, 11 ta' Mejju 1999. http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:51999DC0232&from=EN
[6]*Rapport Finali tal-Kumitat ta' Esperti dwar ir-Regolament tas-Swieq tat-Titoli Ewropej*, 15 ta' Frar 2001. https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/2015/11/lamfalussy_report.pdf

**E.** Ir-riforma ta' wara l-kriżi

Il-perjodu ta' qabel l-2007 kien ikkaratterizzat minn żieda tal-integrazzjoni u tal-interdipendenza tas-swieq finanzjarji mhux biss fi ħdan l-UE iżda wkoll fil-livell globali. Dan intemm ħesrem bit-tfaqqigħa tal-kriżi finanzjarja globali tal-2007-2008 u l-kriżi Ewropea tad-dejn li ġiet wara, peress li l-flussi finanzjarji transfruntiera naqsu b'mod konsiderevoli. Bejn Ottubru 2008 u Ottubru 2011, il-Kummissjoni approvat EUR 4,5 triljun f'miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jiġu megħjuna l-istituzzjonijiet finanzjarji[7]. Il-kriżi wriet il-ħtieġa urġenti ta' riforma tas-settur tas-servizzi finanzjarji.

Konsegwentement, l-UE wettqet riforma bla preċedent tal-leġiżlazzjoni eżistenti tagħha dwar is-servizzi finanzjarji abbażi tal-aġenda internazzjonali (fejn l-UE qdiet rwol importanti fl-iżvilupp tagħha), iżda wkoll wettqet riformi fuq inizjattiva proprja bil-għan li tavvanza ċerti sforzi li kienet ilha taħdem fuqhom, bħal ma kien l-ikkompletar tas-suq uniku. Sa minn meta faqqgħet il-kriżi, il-Kummissjoni pproponiet aktar minn 50 miżura leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva. Il-proposti l-aktar importanti kienu jiffurmaw parti mill-qafas ta' inizjattivi ewlenin tal-UE, bħall-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Ir-riforma ta' wara l-kriżi ġabet magħha ċertu grad ta' ċentralizzazzjoni u ta' trasferiment tar-responsabbiltà mil-livell nazzjonali għal dak tal-UE f'ħafna aspetti ta' regolamentazzjoni u ta' superviżjoni tas-servizzi finanzjarji.

L-arkitettura regolatorja tas-servizzi finanzjarji ta' wara l-kriżi hija kkaratterizzata minn fora internazzjonali li huma l-livell ewlieni *de facto* għall-istabbiliment ta' regoli u standards. Dan huwa minħabba l-globalizzazzjoni u l-interdipendenza tas-swieq finanzjarji li mmaterjalizzaw fid-deċennji ta' qabel il-kriżi u li amplifikaw għall-"effett ta' kontaġju" globali wara t-tfaqqigħa inizjali tal-kriżi fl-Istati Uniti. Hemm qbil ġenerali li l-isfidi regolatorji jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell internazzjonali. Fora u korpi bħall-G20, il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS), u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) kisbu importanza u, f'ħafna każijiet, saru superjuri għall-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

## LEĠIŻLAZZJONI EWLENIJA DWAR IS-SERVIZZI FINANZJARJI TAL-UE FIS-SEĦĦ

**A.** Settur bankarju

**1.** Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD) (2013/36/EU) [8] u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) ((EU) Nru 575/2013)[9], li flimkien jissejħu CRD IV.

Il-pakkett CRD IV, adottat fl-2013, huwa traspożizzjoni tar-regoli ta' Basel III imfassal għas-settur bankarju Ewropew li iqis il-prijoritajiet tal-Parlament għall-2010. Is-CRD tistabbilixxi regoli dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, is-superviżjoni prudenzjali u l-governanza korporattiva. Is-CRR jistabbilixxi l-livell u r-regoli minimi kif għandhom jiġu kkalkolati r-rekwiżiti tal-kapital, ir-riżervi ta' likwidità u l-proporzjonijiet ta' ingranaġġ. F'Novembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet

[7]Stqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni Ewropea, *Miżuri ġodda għall-immaniġġjar tal-kriżijiet biex fil-futur jiġu evitati s-salvataġġi tal-banek*, 6 ta' Ġunju 2012. http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-570_mt.htm

emendi għas-CRD IV/CRR (imsejħa "CRD V"), prinċipalment sabiex jiġu riflessi l-aħħar żviluppi fi ħdan il-qafas tal-Kumitat ta' Basel u tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB). F'Diċembru 2017, il-Kummissjoni adottat proposti biex jiġu emendati r-regoli prudenzjali għad-ditti tal-investiment, li kurrentement huma soġġetti għall-istess regoli li japplikaw għall-banek. F'Mejju 2019, il-koleġiżlaturi adottaw pakkett ta' riformi bankarji, inklużi emendi għal-leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-kapital.

**2.** Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) (2014/59/EU)[10]

Adottata fl-2014, il-BRRD għandha l-għan li tipprevjeni r-rikapitalizzazzjoni ta' banek li qegħdin ifallu permezz tal-flus tal-kontribwenti billi tintroduċi mekkaniżmu ta' "rikapitalizzazzjoni interna" li jiżgura li l-azzjonisti u l-kredituri tal-banek ikunu fuq quddiem nett biex ikopru t-telf. Hija tirrikjedi wkoll lill-Istati Membri jistabbilixxu fondi ta' riżoluzzjoni nazzjonali li jkunu ffinanzjati minn qabel mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u mid-ditti tal-investiment sabiex jiġi kopert telf pendenti. Il-BRRD tistabbilixxi wkoll regoli ta' prevenzjoni (pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni) u ta' intervent bikri mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

**3.** Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR) (806/2014)[11]

Il-qafas tar-riżoluzzjoni bankarja tal-UE huwa kkomplementat bl-SRMR, adottat fl-2014, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-Istati Membri li jipparteċipaw fl-Unjoni Bankarja. F'Novembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet emendi għall-BRRD u għall-SRMR sabiex jiġi inkorporat l-istandard ta' kapaċità totali ta' assorbiment tat-telf (TLAC) għall-banek ta' importanza sistemika (G-SIBs), li jiżgura li, jekk banek bħal dawn ifallu, huma jkollhom biżżejjed fondi proprji sabiex ikun hemm riżoluzzjoni ordnata. F'Diċembru 2017, ġiet adottata waħda mill-emendi għall-BRRD (2017/2399)[12] bi proċedura rapida. Hija tippermetti l-ħolqien ta' klassi ġdida ta' titoli ta' dejn superjuri "mhux preferut" sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-kriterji ta' eliġibbiltà deskritti fl-istandard TLAC. F'Mejju 2019, il-koleġiżlaturi adottaw sett komprensiv ta' riformi proposti mill-Kummissjoni biex ikomplu jsaħħu r-reżiljenza u r-riżolvibbiltà tal-banek tal-UE, inklużi l-BRRD u l-SRMR.

**B.** Is-swieq finanzjarji

**1.** Id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji ("MiFID")

Mill-2004, il-MiFID I (2004/39/EC)[13] stabbiliet standards uniformi għan-negozjar tat-titoli, li wasslu għal aktar kompetizzjoni u protezzjoni aħjar għall-investituri. Fl-2014, ġew adottati, reviżjoni tad-direttiva (MiFID II) (2014/65/EU)[14] u regolament (MiFIR) (600/2014)[15] li stabbilew qafas legali ġdid. Dan il-qafas introduċa għadd ta' dispożizzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumatur. Pereżempju, il-prattiki ta' rimunerazzjoni tad-ditti tal-investiment ma jistgħux ikunu konfliġġenti mal-obbligu tagħhom li jaġixxu fl-aqwa interess tal-klijent. Id-data tal-applikazzjoni kemm għall-MiFID II kif ukoll il-MiFIR ġiet stabbilita għat-3 ta' Jannar 2018.

[12]ĠU L 345, 27.12.2017, p. 96.
[13]ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
[14]ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.
[15]ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84.

**2.** Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) (648/2012)[16]

Adottat fl-2012, l-EMIR jistabbilixxi regoli dwar il-kuntratti tad-derivattivi barra l-Borża (OTC, over-the counter), kontropartijiet ċentrali (CCPs) u repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Huwa jfittex li jippreserva l-istabbiltà finanzjarja, jtaffi r-riskju sistemiku, u jkabbar it-trasparenza fis-suq OTC. Fl-2015 u l-2016, il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-EMIR li wasslet għal żewġ emendi leġiżlattivi adottati mill-koleġiżlaturi f'Mejju 2019.

**C.** Assigurazzjoni

**1.** Direttiva Solvibbiltà II (2009/138/EC)[17]

Is-Solvibbiltà II, adottata fl-2009, armonizzat ir-regoli frammentati eżistenti fir-rigward tas-setturi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tar-riassigurazzjoni. Id-direttiva stabbiliet regoli dwar l-awtorizzazzjoni għall-istabbiliment tan-negozju, ir-rekwiżiti ta' kapital, il-ġestjoni tar-riskju u s-superviżjoni tal-assigurazzjoni diretta u r-riassigurazzjoni tal-kumpaniji. Fl-2014, is-Solvibbiltà II ġiet emendata bl-'Omnibus II, bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata l-arkitettura superviżorja l-ġdida u, b'mod partikolari, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA). Id-data tal-iskadenza għas-Solvibbiltà II kienet sussegwentement posposta, u saret applikabbli fl-1 ta' Jannar 2016.

**D.** Servizzi ta' pagament

**1.** Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 2 (PSD 2) (2015/2366)[18]

Il-PSD 2 daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2016 u bdiet tapplika mit-13 ta' Jannar 2018. Hija tistabbilixxi rekwiżiti stretti ta' sigurtà għall-pagamenti elettroniċi u għall-protezzjoni tad-data finanzjarja tal-konsumaturi. Hija tiftaħ is-suq għall-fornituri li jipprovdu servizzi ta' pagament abbażi tal-aċċess għal informazzjoni dwar il-kont tal-ħlas. Il-PSD 2 tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' pagament.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Mit-Trattat ta' Ruma (1957) sa issa, ir-rwol tal-Parlament fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji kiber lil hinn mill-konfini tal-proċedura ta' konsultazzjoni biex laħaq l-istess livell tal-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Skont il-"proċess Lamfalussy" għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-UE, il-Parlament, flimkien mal-Kunsill, jadotta liġijiet bażiċi (livell 1) skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-Parlament għandu wkoll rwol ta' skrutinju fl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni ta' livell 2.

Il-Parlament b'mod konsistenti appoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni, u f'bosta okkażjonijiet mexxa diskussjonijiet 'il quddiem u ressaq proposti tiegħu stess bil-għan li jiċċara l-pożizzjoni tiegħu. Permezz tal-imġiba proattiva tiegħu, il-Parlament jinsab involut b'mod prominenti fid-diskussjoni li għaddejja mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u ma' istituzzjonijiet internazzjonali oħra dwar l-iżvilupp tal-istruttura superviżorja u regolatorja tas-swieq finanzjarji, kif ukoll fit-tiftix ta' modi biex jiġi evitat ir-riskju sistematiku.

Fi ħdan il-Parlament, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) huwa l-kumitat ewlieni għas-servizzi finanzjarji.

Wara t-tfaqqigħa tal-kriżi finanzjarja globali, il-Parlament stabbilixxa kumitat speċjali għall-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali (Kumitat CRIS)[19]. Il-mandat tiegħu kien minn Ottubru 2009 sa Lulju 2011. Il-Parlament adotta żewġ riżoluzzjonijiet wara l-ħidma tal-Kumitat CRIS: waħda f'nofs it-terminu fl-2010 u oħra finali fl-2011.

Dražen Rakić / Denitza Dessimirova
05/2019

[19]Il-Parlament Ewropew, *Kumitat Speċjali għall-Kriżi Finanzjarja, Ekonomika u Soċjali*, Lulju 2011. http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201109/20110901ATT25750/20110901ATT25750EN.pdf